MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 153/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**Alfred Scicluna**

**Illum 8 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fuq il-Monti ta' Marsaxlokk u bnadi ohra, fit-18 ta' Lulju 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li

jkun fihom indikazzjoni li jista' jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal- merkanzija, jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic- cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' accessorji ta' telefon cellulari tad-ditta Nokia. (Dan bi ksur ta' l- Artikoli 298(1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jheddijiet li johorgu mid- drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-/jew taht il-Ligi ta' Malta. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f), 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal multa ta' €1164.69 (ekwivalenti ghal LM500) li jithallsu fi zmien sitt (6) xhur b'rati mensili.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w b'hekk tillibera lill-appellant minn kull akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta fid-decizjoni taghha ghaliex l-appellant li kien jispetta lilu li jgib il-prova li huwa meta xtara dawn l-oggetti ma kellux ghalfejn jissuspetta li dak li xtara kien "counterfeit", di fatti xehed quddiem l-Ewwel Qorti x'kienu c-cirkostanzi li fihom huwa xtara dawn l-affarijiet. Illi l-Ewwel Qorti wkoll donna li ma tatx

piz ghal fatt li legalment l-appellant il-prova li jrid igib huwa hija biss sal grad tal-probabbli w mhux prova fi grad izjed elevat bhal dik li trid iggib il-Pulizija;
Illi l-appellant jiddikjara li huwa mhux qed jikkontesta l-fatt materjali li effettivament dawn l-oggetti huma foloz. Di fatti l-appellant anqas ma kkontesta r-rapport li ghamel l-espert Dr. Peter Fenech kif inkarigat mis-socjeta' estera Nokia. Illi li qed jigi kkontestat huwa l-element tax-xjenza waqt il-mument tax-xiri tal-oggetti minn l-appellant. Illi ibda biex l-appellant xehed li huwa meta xtara intqal lilu mill-bejjiegh fit-Turkija li dina l-merkanzija kienet wahda originali. Prova kontra dan li ntqal minn l-appellant ma tezistix. Inoltre l-appelland xehed li tal-hanut kien anke tah dokument li kien ezebit u li fih kien hemm dikjarazzjoni li dak mibjugh kien tad-ditta Nokia. Issa l-Ewwel Qorti erronjament ikkumentat hekk fis-sentenza taghha dwar din d-dikjarazzjoni :-
*"Ebda agent tan-Nokia ma' kien ser jirrilaxxja tali referenza"* pagna 6 tas-sentenza qabel id-decide.

Issa jinghad li l-Ewwel Qorti zgur li mhux xi esperta ta' kif jinhargu r-referenzi mit-Torok dwar il-bejgh tal-prodotti Nokia w inoltre jekk it-Tork gewwa Istanbul li hareg dina d-dikjarazzjoni harigha mimlija zbalji tal-lingwa Ingliza zgur li l-anqas persuna li tahti ghal dan huwa l-appellant li xjentement meta xtara inghata l-impressjoni li dak li kien qed jixtri kien bis-sewwa ossia ogirinali. Illi inoltre l-konsiderazzjoni hawn kwotata w li donnha li nghatat hafna piz mill-Ewwel Qorti ma hija xejn ghajr prenunzjoni li ma hija msejsa fuq ebda fatt materjali;
Illi di piu' u biex l-appellant ikompli jsahhah dina l-fehma tieghu qabel ma espona ghal bejgh dawn il-prodotti fis-suq ta' Marsaxlokk, meta dawn l-oggetti ghaddew minn taht l-iskrutinju tal-fizzjali tad-Dwana, hadd ma gibed l-attenzjoni tal-appellant li kien hemm xi haga rregolari konnessa ma dawn l-oggetti. Illi ghalhekk wiehed jistqasi :-wiehed x'eppretenda li aaktar jaghmel l-appellant ic-cirkostanzi w l-aktar haga importanti f'awna l-proceduri x'hemm xi jmeri t-tezi tal-appellant li huwa obbligat biss sal-grad tal-probabbli li jaghti spjega plawzibbli ta' kif ottjena dawn l-affarijiet?. Illi l-appellant jikkontendi li huwa

ghalhekk b’kull rispett ghandu jigi lliberat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat :

Il-fatti illi taw lok ghal din il-kawza huwa s-segwenti :-
Fil-31 ta’ Mejju 2004, l-appellant Alfred Scicluna rritorna lura Malta minn vjagg Istanbul, it-Turkija, fejn fost affarijiet ohra xtara kwantita’ ta’ “covers” ta’ mobile phones tad-ditta Nokia sabiex jikkummercjhom minn tilar fuq il-monti illi taghha ghandu licenzja.

B’kwerela datata 14 ta’ Lulju 2004, [fol. 20] ir-rapprezentanti lokali tad-ditta Nokia infurmaw lill-Pulizija illi waslitilhom informazzjoni li fuq il-monti ta’ Marsaxlokk kienu qed jinbieghu prodotti foloz bl-isem “Nokia”. Ghalhekk fit-18 ta’ Lulju, 2004 fuq istruzzjonijiet tal-Ispettur Kevin Borg saret tfixxija fuq il-monti ta’ Marsaxlokk mill-Pulizija w minn fuq it-tilar tal-appellant gew elevati sitta w hamsin “covers” allegatament foloz bl-isem “Nokia”. Ta’ dawn inharget “seizure note” illi qeghda esebita a fol. 24 tal-process. Fit-12 t’Awwissu, 2004 l-appellant tressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi dwar qerq fil-kummerc u fl-industrija ai termini tal-artikolu 298 u ksur tad-Drittijiet tal-Awtur ai termini tal-artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza gie esebit rapport minn ghand il-kwerelanti fejn wara spezzjoni tal-“covers” elevati, ddikjaraw illi kienu foloz.

Permezz ta’ verbal tas-17 ta’ Frar, 2005 (fol. 26) id-difiza ddikjarat illi qed tistrieh fuq ir-rapport esebit mill-kwerelanti “fis-sens illi l-oggetti in kwistjoni mhumiex originali u dan minghajr pregudizzju ghad-difiza tal-akkuzat illi l-element tax-xjenza kien nieqes fl-azzjoni tieghu.”

Din id-difiza baqghet tissustisti tul il-procediment kollu inkluz fl-istadju tal-appell fejn l-appellant qieghed ilmenta illi l-Ewwel Qorti ma kellhix issibu hati peress illi l-element tax-xjenza kien nieqes fl-agir tieghu.

Ikkunsidrat :

Darba mwarrba n-necessita' tal-prova tal-falzita', l-Qorti tista' tikkoncentra fuq l-element tax-xjenza illi tieghu l-appellant qed jeccepixxi l-karenza.

F'dawn ir-reati kontra qerq fil-kummerc u fl-industriji "............. jitqies illi l-akkuzat mexa dolozament, kemm il-darba huwa ma jippruvax li ma kellux hsieb doloz" (Artikolu 299 Kap. 9).

Dan ifisser illi l-piz tal-prova twarrab minn fuq l-ispallejn il-prosekuzzjoni w intefghu fuq dawk tal-akkuzat. Dana pero' illi filwaqt il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, fil-kaz tal-akkuzat huwa ghandu l-obbligu illi jinduci fil-Qorti konvinciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Piz ta' prova ferm anqas minn dak tal-prosekuzzjoni. Pero' l-ligi ma kienitx ser taghmel il-hajja facli ghall-akkuzat :

L-artikolu 300 tal-istess Kap. 9 jistipula "........il-prova tal-kunsens tas-sid tmiss lill-akkuzat."

Ikun opportun li l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet taghha minn dan il-punt.

Ikkunsidrat :

Gie sodisfacentement accettat li l-merkanzija elevata mill-Pulizija mil-pussess ta' l-imputat u li jidhru "seizure note" a fol. 24 tal-process kellhom marka ta' registrazzjoni falza. Kienu jindikaw illi kienu manifatturati mid-ditta Nokia meta fil-fatt ma' kienux. Terga' ma ngabet l-ebda prova mill-appellant illi kellu l-kunsens tas-sid u cioe' tad-ditta Nokia illi jimporta w jbiegh go Malta merkanzija taghha.

M'hemmx dubju kwindi, illi l-vot tal-Artikolu 300 fuq imsemmi ma giex sodisfatt.

L-appellant pero' qieghed jinvoka favur tieghu n-nuqqas ta' hsieb doloz fil-kuntest tal-Artikolu 299 tal-Kap. 9. Bhala prova ta' dan esebixxa certifikat illi huwa kiseb mill-

fornituri tieghu t-Turkija fejn dawn qeghdin jiddikjaraw illi bhala agenti ta' accessorji Nokia originali qeghdin jawtorizzaw lil Alfred Scicluna, prezumibilment l-appellant, sabiex ibiegh tali prodott.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad illi dan ic-certifikat ma jawtorizzax lill-appellant illi jbiegh prodotti “foloz” tan-Nokia. Se mai, huwa awtorizzat sabiex ibiegh accessorji originali tan-Nokia. Terga, mkien ma jirrizulta li l-partita ta' 56 covers li mporta l-appellant huma koperti b'dan is-suppost certifikat ta' awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, dan id-dokument ma fihx it-timbru ta' awtenticita' tal-“parent company” cioe' Nokia Corporation tal-Fillandja. Fi kliem iehor, id-dokument ma fih ebda prova tal-awtenticita' tieghu. Dan id-dokument huwa wiehed fazul li ma jista' jaghti l-ebda komfort lill-appellant.

L-Artikolu 302 tal-Kap. 9 jghid “fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (f) tas-sub-artikolu tal-Artikolu 298 u cioe' “min xjentement iqieghed fic-cirkolazjoni, jbiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh, jew jimporta ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebhin b'qerq ..... jitqies illi mexa dolozament kemm il-darba ma' jippruvax “illi, wara li ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjonijiet tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, u ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuq jkun akkuzat, ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kienux veri.”

Irrizulta mill-provi illi l-unika prekawzjoni illi ha l-akkuzat kien l-ottjenament tad-dokument a fol. 76 li kif gja inghad ma jaghti l-ebda certifikat ghall-awtenticita' tieghu. Mistoqsi mill-Ispettur il-ghaliex ma talabx xi haga aktar awtentika', l-imputat jghid (ara stqarrija fol. 14) “ ma staqsejtx ghac-certifikati li jiggarantixxi l-originalita' ghax qatt ma ghaddieli hsieb illi hemm xi haga hazina fil-“covers” tal-mobile.”

Minkejja illi ghamel din id-dikjarazzjoni lill-Ispettur, l-appellant esebixxa bhala garanzija tal-originalita' d-dokument fazul a fol. 76.

Kwindi, mhuwiex veru illi ma staqsix ghac-certifikati tal-originalita' izda staqsa w inghata dokument illi persuna bl-icken idea ta' kummerc seta' mall-ewwel jinduna illi ma kienx wiehed awtentiku. Dan anki jekk ghal grazzja tal-argument, jinghata l-beneficcju li "mala grammatica non viziat cartam".

Ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-appellant ma hax il-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex jassigura illi l-prodott illi kien qed jimporta Malta kien wiehed genwin. Anzi l-provi illi kellu f'idejh inkluz id-dokument a fol. 76 illi kien *"il cavallo di battaglia"* tieghu, jindika l-oppost, li l-merkanzija li kien qed jimporta ma kienux genwini.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti m'ghandix dak il-konvinciment morali bazat fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet li l-appellant ma kienx jaf illi kien qed jimporta merkanzija falza w ghalhekk ma ssodisfax il-vot tal-Artikolu 299 tal-Kap. 9 illi huwa ma kellux hsieb doluz meta importa l-merkanzija.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Artikolu 298B(1) tal-Kap. 9 jistipula piena ta' ".......prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux izjed minn hamest elef lira jew dik il-multa jew prigunerija flimkien."

L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuza w ikkundannatu ghall-multa ta' €1164.69 (ekwivalenti LM 500) li kellhom jithallsu fi zmien sitt xhur b'rati mensili. Din il-piena qeghda fil-parametri tal-ligi w ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma thossx illi ghandha tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Ladarba rrizulta illi dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha ("Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" 28.04.1995).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------